MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Numru. 1162/2008

**Il-Pulizja**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Martin Gatt**

Kumpilazzjoni Nru: 1162/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

Martin Gatt, ta’ 51 sena, iben Joseph u Carmela nee’ Gauci, imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ Lulju, 1957 u li joqghod fil-fond Flat 5, St.Peter’s Court, Triq Mimosa,

Gwardamangia, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 480857M.

Akkuzat talli nhar it-23 ta' Awissu, 2006 gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, Floriana, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament, meta dak l-istess gurament kien mehtieg mill-ligi (Artikolu 108 (1)(a) tal-Kapitolu 9).

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikolu 108(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti inkluz il-fedina penali ta'l-imputat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti relevanti ghal dan il-kaz huma pjuttost semplici.

Illi l-imputat kien vittma ta' hold-up li sehhet nhar it-23 ta' Awissu 2006 fi Triq is-Sebh Qormi meta huwa kien qed isuq security van. Hu, in kwantu persuna involuta f'dan l-incident, gie interrogat mill-pulizija u ta d-depozizzjoni tieghu b'gurament lill-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti. Din id-depozizzjoni huwa taha wara li nghata twissija skond il-Ligi u gie infurmat bid-dritt tieghu li ma jirrispondiex mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh. L-imputat ta d-depozizzjoni tieghu xi ftit sieghat wara l-istess hold-up.

Illi meta l-imputat gie biex jispjega x'gara bil-flus li kienu ghadhom kif ingabru mill-HSBC Bank plc (kif jirrizulta mill-istess depozizzjoni) qal hekk:
*… siehbi qabad u fetah il-bieba li hemm tissepara l-kabina minn mal-parti ta' wara, mill-pozizzjoni li kien qabad il-basket fetah il-bieba u waddab din il-borza…* (ref

depozizzjoni ta'l-imputat traskritta fir-rapport ta'l-espert Mario Buttigieg senjatament l-ahhar parti a tergo ta' fol 185 u l-ewwel parti ta' fol 186).
Meta l-imputat irrefera ghall-"bieba li hemm tissepara l-kabina minn mal-parti ta' wara" huwa kien qed jirreferi ghall-bieba tal-vault li fiha suppost jinzammu l-flus li jigbru; din il-vault fil-fatt ghandha bieba li tissakkar.

Illi l-persuna l-ohra koncernata, Dennis Attard, ta verzjoni differenti u qal li meta huwa u l-imputat gabru l-flus mill-HSBC Bank plc, il-basket li fih tpoggew il-flus intefa' wara s-seat u mhux fil-kabina tal-hadid fejn suppost jinzammu.

Illi ghalhekk l-imputat rega' gie mitlub jidher quddiem l-espert Mario Buttigieg u fil-fatt f'l-1 ta' Settembru 2006 l-imputat rega iddepona. F' din it-tieni depozizzjoni tieghu huwa spjega li dak in-nhar kien hu li dahhal il-flus fil-van u li kien hu li tefaghhom wara s-seat u mhux fil-vault.

Illi l-imputat ghazel li jixhed fil-kors tal-proceduri odjerni u kkonferma li l-flus suppost jinzammu fil-vault li ghandha bieba tissakkar; huwa qal ukoll li minhabba pressjoni ta' xoghol u peress li normalment minghand l-HSBC jibqghu sejrin l-*base* taghhom hafna drabi ma kienux idahhlu l-flus fil-vault imma jwaddbuhom wara s-seat. L-imputat spjega ukoll li meta ta l-ewwel depozizzjoni tieghu kien imhawwad minhabba t-trauma li kien ghadu kif ghadda minnha.

Illi hija propju din il-bazi tad-difieza ta'l-imputat. Huwa fattwalment mhux qed jikkontesta li dak li qal f'l-ewwel depozizzjoni tieghu (in kwantu qal li siehbu qabad il-flus mill-vault) kien falz; dak li qed jikkontendi huwa li dan m'ghamlux b'l-intenzjoni li jixhed falz imma kien zball genwin dovut ghall-fatt li huwa ta d-depozizzjoni tieghu ftit sieghat biss wara l-hold up meta kien ghadu taht l-effetti tat-trauma li kien ghadu kif ghadda minnha.

Illi pero l-atti ma jaghtux konfort lill-imputat f'din it-tezi tieghu.

Illi huwa veru li l-imputat ta d-depoizzjoni tieghu ftit sieghat biss wara l-hold up pero qari ta’ din id-depozizzjoni assolutament ma tindikax li hija rakkont ta’ bniedem konfuz jew imhawwad. Hija depozizzjoni koerenti u dettaljata fir-rakkont tal-fatti, rakkont li huwa kwazi kompletament korroborat mid-depozizzjonijiet l-ohra kollha mghotija waqt il-kors ta’l-inkjesta.

Illi in oltre l-istess espert li ha d-depozizzjoni ta’l-imputat qal li ghalkemm l-imputat kien jidher li kien fi stat ta’ xokk huwa kien qed jirrispondi b’mod normali u lucidu.

Illi r-realta hi l-unika fatt li kien “zbaljat” fih l-imputat huwa dak in ezami u cioe li l-flus ma ddahhlux fil-vault imma tqeghdu wara s-seat. Il-Qorti pero assolutament mhiex konvinta, imqar fuq bazi ta’ probabilita, li dan kien zball. Ghal kuntrarju l-Qorti hija konvinta li l-imputat kien jaf ezattament x’kien qieghed jghid u qal dak li qal biex ma jidhirx li huwa, u l-kollega tieghu, ma kienux qed isegwu r-regoli ta’ xogholhom.

Illi konsegwentement il-Qorti hija sodisfatta li l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat giet sodisfacjentment pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat malli mitlub biex jerga jiddeponi ta l-verzjoni korretta tal-fatti, u l-fedina penali tieghu.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li r-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati jikkomporta l-interdizzjoni generali ghal perjodu minimu ta’ hames snin. Fil-fehma tal-Qorti hija propju dan l-aspett tal-piena li ha thalli l-akbar effett fuq l-imputat aktar minn kwalunkwe piena ohra li tista tigi inflitta.

Ghal daw il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 108(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artiklu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur. In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 109 tal-Kap 9 qed tordna l-

interdizzjoni generali fil-konfront ta'l-imputat, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imputat iservi bhala xhud hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u milli jservi bhala perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' hames (5) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------